



Brussell, 18 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5314/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0308(NLE)

PECHE 18

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni - Dikjarazzjonijiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmużin id-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Rigward is-sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat (id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Iżvezja u l-Kummissjoni)

Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li jipprovdu lill-ICES bl-informazzjoni xjentifika rilevanti dwar il-qabdiet, l-iskartar u s-sopravivenza għall-Barbun tat-Tbajja' fil-Kattegat. Kmieni fl-2021 il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES jiżviluppa aħjar ix-xjenza u l-fehim dwar ir-rati ta' sopravivenza tal-barbun tat-tbajja', bl-intenzjoni li r-rati ta' sopravivenza jiġu inkorporati fit-tbassir u fil-produzzjoni ta' tali parir dwar qabdiet. Jekk l-ICES ikun jista' jipproduċi parir aġġornat dwar qabdiet li jinkorpora r-rati ta' sopravivenza fl-2021, il-Kummissjoni mbagħad ser taħdem biex tipproponi emenda matul is-sena għat-TAC tal-2021 għall-Barbun tat-Tbajja' fil-Kattegat mill-aktar fis possibbli.

Rigward il-kunsiderazzjoni tal-effetti ta' sottoutilizzazzjoni tal-Covid-19 (il-Kummissjoni)

Sabiex jiġu kkunsidrati l-effetti ta' sottoutilizzazzjoni tal-Covid-19, fuq talba tal-Istati Membri, kmieni fl-2021 il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES jeżamina jekk għal kwalunkwe stokk fl-limiti bijoloġiċi sikuri użu baxx tal-kwota fl-2020 jiġġustifikax żieda fit-TAC fl-2021 bil-ħsieb ta' emenda possibbli matul is-sena għat-TACs għal tali stokkijiet.

Rigward l-istokkijiet kondiviżi ġestiti taħt TACs proviżorji (il-Kummissjoni)

TACs proviżorji jiġu stabbiliti sabiex l-attivitajiet tas-sajd tal-flotot tal-UE jkunu jistgħu jkomplu mingħajr ma jippreġudikaw l-eżitu ta' negozjati u/jew konsultazzjonijiet internazzjonali li jkunu għaddejjin. F'Jannar 2021, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sitwazzjoni tal-istokkijiet kondiviżi mar-Renju Unit u/jew man-Norveġja u soġġetti għal TACs proviżorji. F'Jannar 2021 il-Kummissjoni, abbażi tal-użu tal-kwoti rrapportat mill-Istati Membri u filwaqt li tikkunsidra r-riżultati tan-negozjati u l-konsultazzjonijiet internazzjonali, ser tipproponi l-użu tal-istokkijiet u suġġerimenti rilevanti għat-triq 'il quddiem u reviżjonijiet possibbli tal-livelli tat-TACs proviżorji, speċjalment dwar l-istaġjonalità tal-attivitajiet tas-sajd, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u/jew jiġu stabbiliti TACs definittivi.

Rigward il-flessibbiltà bejn iż-żoni għal-laċċa kaħla bejn l-Iskagerrak (3a) u l-Baħar tat-Tramuntana (2a u 4) (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni, fil-qafas tal-konsultazzjonijiet mal-pajjiżi terzi, ser teżamina l-possibbiltà li tintroduċi flessibbiltà bejn iż-żoni għal-laċċa kaħla mid-diviżjoni 3a tal-ICES (l-Iskagerrak, il-Kattegat) għall-Baħar tat-Tramuntana.

Rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku għal COD/03AS; COD/5BE6A; WHG/56-14; WHG/07A u PLE/7HJK fl-2021 (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja)

Peress li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/03AS; COD/5BE6A; WHG/56-14; WHG/07A u PLE/7HJK hija inqas minn B_{lim} u li fl-2021 ser jiġu permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2021. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet.

Rigward l-impenji dwar il-miżuri ta' konservazzjoni għas-sajd tal-ispnotta fil-Golf tal-Biskalja (8a, b) (Franza u Spanja)

Franza u Spanja jilqgħu l-istat tajjeb tal-istokk tal-ispnotta fil-Golf tal-Biskalja (8a, b). Franza timpenja ruħha li, għall-ewwel kwart tal-2021, iġġedded il-limiti massimi individwali ekwivalenti għal dawk li kienu fis-seħħ fl-ewwel kwart tal-2020. Spanja timpenja ruħha li tintroduċi daqs minimu ta' referenza ta' 40 cm għall-qabdiet kummerċjali tal-ispnotta fil-Golf tal-Biskalja (8a, b). Dawn il-miżuri huma komplementarji għall- F_{msy} ta' 3 108 tunnellata kif rakkomandat mill-ICES.

Rigward l-iskampu fl-unitajiet funzjonali 25 u 31 (Spanja)

Spanja, waqt li impenjata bis-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-iskampu fil-Baħar tal-Kantabrija (l-unitajiet funzjonali 25 u 31), permezz tal-korp xjentifiku tagħha u l-appoġġ tal-industrija tas-sajd Spanjola, kienet qed taħdem sabiex ittejjeb l-għarfien xjentifiku dwar l-istatus rispettiv tagħhom.

Wara erba' snin ta' stħarriġ dwar is-sajd sentinella b'TAC żgħira allokata sabiex tinġabar data dwar il-qabda għal kull unità ta' sforz (CPUE) b'bastimenti li fuqhom ikun hemm osservaturi abbord, ir-riżultati tal-2020 ikkonfermaw żieda fis-CPUE konformi maż-żidiet fis-snin preċedenti, li juri sinjal pożittiv konsolidat.

Spanja titlob rieżami tal-parir attwali tal-ICES (li sar fl-2019 għal tliet snin) matul l-ewwel nofs tal-2021, sabiex tiġi vvalutata l-possibbiltà li s-sajd kummerċjali jinfetaħ mill-ġdid b'TAC limitata u b'kondizzjonijiet għall-ġestjoni tiegħu.

Rigward l-Alonga tat-Tramuntana fl-ICCAT (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ġestjoni tal-kwota speċifika tal-istokkijiet tal-ICCAT. Il-Kummissjoni tinnota li sajd eċċessiv minn Stat Membru wieħed f'sena partikolari jista' jkollu impatt dirett fuq l-opportunitajiet tas-sajd attwali disponibbli għall-Istati Membri l-oħra li ma kinux involuti f'sajd eċċessiv.

Għalhekk, qabel it-tmiem tal-ewwel semestru tal-2021 il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-inizjattivi kollha possibbli biex tiffaċilita l-ġestjoni tal-kwota tal-UE fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-ICCAT biex jintlaħqu l-oġġettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-PKS.

Rigward il-metodu tal-kalkolu għat-tnaqqis għal eżenzjonijiet tas-sopravivenza (id-Danimarka, Franza, in-Netherlands, l-Irlanda u Spanja)

Id-Danimarka, Franza, in-Netherlands, l-Irlanda u Spanja huma mħassba dwar il-bidla fil-metodu tal-kalkolu għat-tnaqqis għal eżenzjonijiet ta' sopravivenza għolja.

Għalhekk, huma jappoġġaw l-inizjattiva tal-Istati kkonċernati dwar l-istokk tal-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat favur talba għall-ICES.

Id-Danimarka, Franza, in-Netherlands, l-Irlanda u Spanja jitolbu lill-Kummissjoni timpenja ruħha biex, kmieni fl-2021, tressaq talbiet simili lill-ICES għall-istokkijiet l-oħra kkonċernati, sabiex il-pariri jikkunsidraw ir-rati ta' sopravivenza, fil-perspettiva ta' reviżjoni tar-Regolament dwar it-TAC u l-kwoti fl-2021.

Rigward il-Merluzz tan-Nofsinhar (HKE/8C3411) (Spanja u l-Portugall)

Spanja u l-Portugall huma impenjati bis-sħiħ għas-sostenibbiltà tal-merluzz tan-Nofsinhar, waħda mill-aktar speċijiet rilevanti u tradizzjonali fil-komunitajiet kostali tagħna u għall-provvista tal-ikel tiegħu, u speċi essenzjali għal mijiet ta' bastimenti, portijiet u rkanti tagħna fl-attivitàjiet tas-sajd tagħhom matul is-sena.

Bħala kwistjoni ta' urġenza, aħna nitolbu li l-Kummissjoni titlob lill-ICES jevalwa mill-ġdid il-valutazzjoni għal dan l-istokk, sabiex titranġa s-sitwazzjoni attwali ta' inċertezza kbira, li fiha m'hemmx punti ta' referenza tal-MSY disponibbli jew meded kif stabbiliti fil-Pjan Pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent, minkejja sett abbondanti ta' data storika u kompluta dwar l-istokk tal-merluzz tan-Nofsinhar li wassal għar-rifjut tal-mudell ta' valutazzjoni tal-Kategorija 1 li ntuża preċedement din is-sena.

Għal dan il-għan, Spanja u l-Portugall ser jikkooperaw permezz tal-istituti xjentifiċi rispettivi tagħhom, filwaqt li jsegwu l-proċeduri tal-ICES.